MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Numru. 529/2006

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**KONTRA**

**ERIC BARTOLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Eric Bartoli ta’ 46 sena, bin Salvino u Rose nee’ Piscopo, mwieled nhar il- 5 ta’ Lulju 1959, u residenti fil- fond Serene, Triq Santa Rita, Rabat, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 469359(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1)F’dawn il- Gzejjer, nhar is- 7 ta’ Mejju 2005 f’ San Pawl il- Bahar  Bugibba f’xi hin bejn il- hamsa ta’ wara nofs in- nhar u l- hdax ta’ bil-
lejl ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Stephen Bonsfield skond ma gie ccertifikat minn Dr. M. Zammit Mangion MD Reg no 9796 tal- Isptar San Luqa

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-incident mertu ta’ din il-kawza huwa wiehed tipiku ta’ “road rage”, fejn it-tempra u l-pacenzja tas-sewwieqa fit-toroq taghna qed tintilef aktar ma jghaddi z-zmien. Dan l-incident sehh fejn Kennedy Grove barra l-Qawra, fejn it-triq ewlenija li tghaqqad is-Salina ma’ San Pawl il-Bahar tigi taqsam mat-triq li taghti ghall-Qawra. Il-vettura misjuqa mill-imputat kienet gejja mid-direzzjoni tas-Salina u ser iddur ghal gol-Qawra. Il-vettura l-ohra, misjuqa minn Stephen Bonsfield, kienet hierga mill-Qawra u sejra lejn San Pawl. Ghalhekk iz-zewg vetturi kienu qed jaqsmu t-triq ghal xulxin.

Il-partijiet ovvjament taw verzjonijiet dijametrikament opposti, u t-tnejn wahhlu f’xulxin ghall-incident. Jidher li z-zewg vetturi gew fl-“intersection” fl-istess hin u ghalkemm ma kien hemm ebda kollizjoni, vettura ostakolat lill-ohra, inqala’ diverbju bejn iz-zewg sewwieqa u t-tnejn waqqfu l-vetturi taghhom u hargu barra jitlewmu fit-triq. Bonsfield sofra ticrita fit-tendini ta drieghu, u kellu jigi rikoverat l-

isptar. L-imputat ukoll jallega li hu kien sofra xi griehi, u esebixxa certifikati f'dan is-sens.

Il-Qorti hi propensa temmen il-verzjoni tal-imputat aktar minn dik ta' Bonsfield. L-ewwel nett, huwa impossibbli li, kif jallega l-vittma, l-imputat ghamel il-manuvra li gie allegat li ghamel meta jkun hemm daqshekk traffiku f'dawk il-hinijiet nhar ta' Hadd. It-tieni, it-ticrita fil-muskolu ta' driegh Bonsfield ma rrizultax li kienet akkumpanjata minn tbengila konsiderevoli fuq l-istess driegh, kawza ta' "severe blunt trauma" kif tippresumi l-Qorti li tali ticrita gie allegat li sehhet. Bonsfield xehed li hu gie milqut mill-imputat fi drieghu u l-muskolu inqata' minn mal-ghadma. Ma kellu ebda griehi jew feriti ohra hlief dik.

Huwa inverosimili ghall-Qorti li persuna tigi aggredita, ma ssofri ebda tbengila jew girfa jew ferita ohra superficjali u mbaghad tinqatalha 'tendon' tal-muskolu *bicipide.* Huwa aktar verosimili li tali tendini tinqata' meta persuna ixxejjer idejha u dirghajha bis-sahha fid-direzzjoni ta' xi haga jew ta' xi hadd, kif kien qed jaghmel Bonsfield. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li l-griehi li sofra Bonsfield bl-ebda mod ma gew ikkagunati mill-imputat, li ghaldaqstant qed jigi liberat minn kull htija u piena f'dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------